# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar it-Tlieta 18 ta' Jannar 2022

**Rikors Numru : 484/2021JPG**

**Kawza Numru : 15**

**CS**

**vs**

**BF**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' CS, datat 15 t'Ottubru 2021, a fol 1 et seqq tal-proċess, fejn ippremetta hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu f'Malta fit-tmintax ta' April elfejn u disgha (18.4.2009) skond ic-certifikat taz-zwieg bin-numri tnejn, sebgha, tnejn, zbarra tnejn, zero, zero, disgha (272/2009) Dok A);*

*Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti ma kellhomx tfal;*

*Illi l-partijiet issepparaw bonarjament b'kuntratt ta' firda personali datat tnejn ta' Frar tas-sena elfejn u tnax (02.02.2012) fl-atti tan-Nutar Dottor Patricia Vella Haber (Dok B);*

*Illi l-partijiet ghexu separament minn dak inhar tas-separazzjoni kontestwali;*

*Illi l-partijiet irrinunzjaw ghal kull obbligu ta' manteniment reciproku bejniethom;*

*Illi ghalhekk il-partijiet issodisfaw il-kundizzjonijiet kollha rikjesta mill-ligi sabiex*

*jigi ppronunzjat id-divorzju u cioe' skond l-Art 66B tal-Kodici Civili, Kap 16, tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Tghid ghalhekk l-intimata ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:*

a) *Tordna l-hall taz-zwieg taghhom minnhom kuntrattat fit-tmintax ta' April elfejn u disgha (18.04.2009); u*
b) *Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbbliku sabiex jirregistra bid-divorzju tal-partijiet fir-Registru Pubbliku.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat li ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat in-nota ta' BF datata 3 ta' Novembru 2021, a fol 17 li taqra hekk:

1. *Illi hija m'ghandha l-ebda oggezzjoni sabiex din l-Onorabbli Qorti tippronunzja d-divorzju hekk kif mitlub mir-rikorrenti permezz tar-rikors Promotur;*
2. *Illi hija tikkonferma l-fatti kollha hekk kif ecepiti mir-rikorrenti;*
3. *Illi hija m'ghandha l-ebda pretensjoni ohra fil-konfront tieghu u ghalhekk mhemmx aktar sottomissjonijiet xi jsiru f'dan ir-rigward;*
4. *Illi hija m'ghandha l-ebda oggezzjoni illi d-Direttur tar-Registru Pubbliku jirregistra d-divorzju bejn il-partijiet;*
5. *Illi din l-Onorabbli Qorti tista' tipprocedi billi tghaddi ghas-sentenza f'dan ir-rigward.*

Ezaminat ix-xhieda moghtija bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B, 66C u 66 D tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**CS** xehed (vide fol 13) u kkonferma bil-gurament il-kontenut fir-rikors tieghu rigward proceduri

ghad-divorzju bejnu u bejn martu; Jikkonferma li hu u martu sseparaw bonarjament nhar it-2 ta' Frar 2012 u ghexu separatament minn dak iz-zmien 'l hawn u li ma hemmx lok ghal rikoncilazzjoni bejniethom.

**BF** xehdet (vide fol 17) u kkorroborat ma dak li xehed zewgha.

Rat in-nota ta' BF (Fol 17) fejn stiednet lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

***(… omissis)***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt***

***jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-18 t'April 2009, liema zwieg jgib c-certifikat numru 272/2009 (vide Dok A, certifikat taz-zwieg, a fol 4); u li minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw bonarjament permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali nhar it-2 ta' Frar 2012 fl-atti tan-Nutar Dottor Patricia Vella Haber (vide Dok B, a fol 5 et seqq.) Ghalhekk, jirrizulta illi l-partijiet ilhom legalment separati ghal terminu taz-zmien li jeccedi dak rikjest mil-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement pprovat li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. Di piu', ma jirrizultax li hemm arretrati ta' manteniment dovut.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet issodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 272/2009 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna spejjes bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**